MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 524/2011

Il-Pulizija

[Spettur Joseph Agius

Spettur Ramon Mercieca]

Vs

Giuseppa Bonello

U

Raymond Bonello

Illum, 19 ta' Gunju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Giuseppa Bonello u Raymond Bonello, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 195837M u 19436M rispettivament talli:

1) Talli fI-4 ta' Mejju 2010 ghall-habta ta' 2am matul il-leji fi Triq 1-Imsida, Santa Venera (a) volontarjament kisru l-mistrieh u 1-paci pubblika bi storbju, hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor li dejjqu 1-girien li joqghod f'bini fil-qrib (b) u aktar talli kisru obbligazzjoni moghtija lilhom fl-20 ta' Novembru 2009 mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D.

2) Fl-14 ta' Mejju 2010 u fil-granet ta' qabel din id-data Giuseppa Bonello kisret sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D. fI-20 ta' Novembru 2009 ta' obbligazzjoni ghal favur ta' Edwin Zarb u martu Lilian

Zarb ghal zmien sena taht penali ta' €240 fin-nuqqas.

3) Talli fil-15 u 20 ta' Mejju 2010 f'diversi hinijiet matul il-lejI fi Triq 1-Imsida, Santa Venera (a) volontarjament kisru l-mistrieh u 1-paci pubblika bi storbju, hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor li dejjqu 1-girien li joqghod f'bini fil-qrib (b) u aktar talli kisru obbligazzjoni moghtija lilhom fI-20 ta' Novembru 2009 mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D.

4) Talli fi 22, 23, 24 u 25 ta' Mejju 2010 f'diversi hinijiet matul il-lejl fi Triq 1-Imsida, Santa Venera (a) volontarjament kisru l-mistrieh u 1-paci pubblika bi storbju, hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor Ii dejjqu 1-girien Ii joqghod f'bni fil-qrib (b) u aktar talli kisru obbligazzjoni moghtija lilhom fl-20 ta' Novembru 2009 milI-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D.

5) Talli fit-12 ta' Gunju 2010 ghall habta ta' 1.l5am matul il-lejl fi Triq 1-Imsida, Santa Venera, Giuseppa Bonello (a) volontarjament kisret il-mistrieh u 1-paci pubblika bi storbju, hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor li dejjqu 1-girien li joqghod f'bini fil-qrib (b) u aktar talli kisret l-obbligazzjoni moghtija lilha fl-20 ta' Novembru 2009 milI-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D.

6) Talli fis-16 ta' Gunju 2010 ghall habta ta' 220am Triq l-Imsida, Santa Venera, Giuseppa Bonello (a) volontarjament kisret il-mistrieh u 1-paci pubblika bi storbju, hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor li dejjqu 1-girien li joqghod f'bini fil-qrib (b) u aktar talli kisret obbligazzjoni moghtija lilha fl-20 ta' Novembru 2009 mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Diċembru, 2011, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 338(m) u 383 tal-Kodici Kriminali

ikkundannat lill-akkuzati ghall-piena ta' €50 kull wiehed bhala multa u Tordna lill-istess akkuzati li jhallsu, kull wiehed, il-penali ta' €240.

Rat ir-rikors tal-appellanti Giuseppa u Raymond Bonello Silvio Agius pprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2011 fejn talbu bir-rispett Ii din 1-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka 1-imsemmija sentenza U tilliberahom minn kull htija U piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, illi in succint huma s-segwenti u cioe':-

Illi I-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt li -apprezzament tal-provi, jekk hekk jista' jissejjah, maghmul mill-ewwel Onorabbli Qorti kien kompletament zbaljat in kwantu 1-animu tal-kwerelant U r-retroxxena tal-agir tieghu ma giex apprezzat minnha.

Illi l-ossessjoni ta Edwin Zarb irrizultat mhux biss mix-xiehda tieghu izda wkoll mid-dokument esibit fi-atti dwar hsejjes kif ukoll mill-okkorrenzi fejn jirrizulta li mar diversi drabi jigri I-Ghassa tal-Pulizija b'sentenza f'idu dwar obbligazzjoni maghmula mill-esponenti.

Illi dan iI-kaz jirrigwarda principalment passi bil-lejl, allegatament b'takkuna, u allegatament maghmula mill-esponenti. L-esponenti xehedu bil-gurament li,peress li huma nies normali, huma bil-leji jaghmlu dak li jaghmlu nies normali u cioe jorqdu! Naturalment gieli qamu bil-leji sabiex jaghmlu I-bzonnijiet taghhom U dan tenut kont mhux biss tas-sistema biologika tal-gisem uman izda wkoll in vista tal-fatt li-esponenti huma persuni ta certa eta' li jbatu minn certa mard. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad Ii meta jaghmlu dawn il-bzonnijiet, la Giuseppa Bonello u wisq inqas Raymond Bonello, ma jilbsu takkuna tan-nisa.

Sfortunament ghall-esponenti dawn id-dettaiji jidhru li sfuggew lill-Qorti.

Illi jinghad bI-akbar rispett li b'din is-sentenza qed tinholoq ingustizzja kbira fil-konfront tal-esponenti u sejra tkun il-katalista, bhalma del resto kienu sentenzi simili moghtija mill-istess Qorti, ta azzjonijiet ohra ta vendikazzjoni da parti ta' Edwin Zarb. Naturalment, wara I-evalwazzjoni Ii saret f'dan iI-kaz, ftit Ii xejn jistghu jserrhu rashom iI-kwerelanti Ii sejrin jghixu l-hajja taghhom fil-kwiet u fil-paci.

Ikkunsidrat,

Irrizulta illi mart il-kwerelant Emanuela Zarb hija oht l-appellanta Giuseppa Bonello u joqghod f'appartamenti fuq xulxin. Xi snin ilu l-appellanti illi joqghodu fl-appartament ta' fuq tellghu zewg sulari ohra fuq l-appartament taghhom. Il-kwerelant Edwin Zarb u martu Manuela Zarb oggezzjonaw ghal dan u bdew proceduri civili sabiex iwaqqfu lill-appellant milli jtella' dan is-sular. Din il-kwistjoni giet rizolta mill-aspett civili però inqala' hafna inkwiet bejn il-familji b'rapporti kontra xulxin ta' storbju u fastidju. Jidher illi l-aktar li ghamel rapporti kien il-kwerelant Edwin Zarb sakemm il-pulizija spiccaw biex ressqu lill-appellanti biex iwiegbu ghal dawn l-akkuzi kontravenzjonali ta' storbju, hsejjes u fastidju.

B'sentenza wahda tas-sittax (16) ta' Dicembru tal-elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet lill-appellanti hatja tar-reati kollha b'dan illi ikkunsidrat l-istess reati bhala reat kontinwat u ikkundannathom ghal piena ta' hamsin ewro (€ 50) kull wiehed bhala multa u ordnat li jhallsu kull wiehed, il-penali ta' mitejn u erbghin ewro (€ 240). L-appellanti Giuseppa u Raymond Bonello hassewhom aggravati minn din is-sentenza u interponew appell peress illi deherilhom illi l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tal-provi korrett u lanqas ma ikkunsidrat l-animu u r-retroxena tal-kwistjonijiet illi hemm bejn il-kwerelant u l-appellant.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza kienet differita ghas-sentenza xhur ilu u l-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza minhabba kwistjonijiet li riedet tivventola mal-avukati. Wahda mill-osservazzjonijiet illi ghamlet il-Qorti kienet tikkoncerna l-fatt li ma jidher li kien hemm ebda verbal fejn gie ordnat illi l-provi ghandhom jinstemghu kontestwalment u t-tieni illi l-ewwel Qorti ma setghetx taghti sentenza wahda izda kellha taghti sitt sentenzi ghax dawn huma kollha separati u distinti.

Rigward l-ewwel osservazzjonijiet l-avukati ivverbalizzaw fis-sbatax (17) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienu ftehemu illi l-kawzi jinstemghu kontestwalment izda irrikonoxxew illi dan il-ftehim ma giex imnizzel fil-verbali tas-seduta. Ghal din il-Qorti, dan il-verbal huwa bizzejjed biex tissana din il-kwistjoni u l-provi li nstemghu f'wahda mill-kawzi jaghmlu stat ghall-kawzi l-ohra.

Ikkunsidrat,

Rigward il-kwistjoni kellhiex tinghata sentenza wahda jew sitta, l-osservazzjonijiet tal-Qorti kienu ibbazati fuq sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sebgha (7) ta' Settembru elf disa' mija erbgha u disghin (1994) fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Sharon Zammit et" fejn il-Qorti kienet qalet illi meta jkollok diversi kawzi fuq l-istess meritu bejn l-istess nies jista' jkun illi l-provi jinstemghu kontestwalment izda l-kawzi jibqghu tnejn separati u distinti u hekk ukoll ghanhom jibqghu s-sentenzi. Però l-avukat tal-appellant argumenta illi ma kienx dejjem hekk u kien hemm zmien fejn il-Qorti tat sentenza wahda ghad illi kien hemm citazzjonijiet differenti basta li jirrigwardjaw l-istess persuna ghall-istess incident ghad illi z-zmien ikun differenti.

Il-Qorti rat in-nota tal-appellanti pprezentata fl-erbgha (4) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) kif is-sentenzi hemm indikati u jidher illi l-Qorti tal-Appell Kriminali segwiet il-prassi illi meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet illi kollha jirreferu ghal incident wiehed bejn l-istess nies, allura f'dan il-kaz tkun tista' tinghata sentenza wahda. Fil-fatt fil-kawza "Il-Pulizija versus Carmelo Vella et" deciza fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tal-elf disa' mija tnejn u disghin (1992) inghad, "Jigi rilevat li l-imputati gew citati permezz ta' tahrika separata kull wiehed u l-ewwel Qorti tat sentenza separata fuq kull tahrika. B'dankollu l-imputazzjoni hija wahda identika f'kull citazzjoni u tirrigwarda l-istess lokalità ... Kull wahda mis-sentenzi hija identika bhall-ohrajn. Il-hames kawzi gew trattati kontestwalment fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell. Kull wiehed mir-rikorsi hu identiku bhal kull wiehed iehor, l-istess aggravju u l-istess talba. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tiddeciedi l-hames appelli b'din is-sentenza unika." (ara ukoll Volum XXV.IV.971 u XXX.IV.644). Din il-Qorti hija propensa illi issegwi dawn id-dettami u taghti sentenza wahda u mhux sitta. Dan ghall-fini tal-pratticità u ekonomija tal-gudizzju.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, din il-Qorti kellha okkazjoni biex tisma' viva voce lill-appellanti kif ukoll lill-kwerelanti u tiskanta kif nies li jigu minn xulxin, maturi, ta' certa età jaqghu f'dawn il-piki illi jwasslu biex iressqu lil xulxin il-Qorti fuq affarijiet tant pwerili u redikoli biex sahansitra wasslu biex marrdu lil xulxin. Il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet huma verosimili u din il-Qorti sabet ruhha f'diffikulta lil min se temmen jew ma temminx. Veru li mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuni akkuzati, imma l-Qorti trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9. Il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u madankollu xorta tinsab f'pozizzjoni li ma tistax taghti aktar kredibiltà lill-parti jew lil ohra. Peress illi l-oneru tal-provi huwa dejjem fuq min jallega din il-Qorti thoss illi l-kwerelanti ma waslux dak il-grad ta' prova minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-appellanti kellhom ikunu hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk hemm lok illi dik il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u konsegwentement tordna li jigu liberati minn kull imputazzjoni u htija.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------